2026/2624

24.11.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2624

tal-20 ta' Novembru 2026

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1), l-Artikolu 232(1), il-punt (b), u l-Artikolu 232(3), il-punt (b), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-pajjiżi terzi jew it-territorji kkonċernati jkunu elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u ta' prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk tal-pollam u għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar 14 il tifqigħa ġdida tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI, highly pathogenic avian influenza) fil-pollam fil-provinċji ta' Alberta, British Columbia, Manitoba, Saskatchewan u Quebec, li ġew konfermati bejn it-30 ta' Ottubru 2026 u s-16 ta' Novembru 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar seba' tifqigħat ġodda tal-HPAI fil-pollam fil-kontej ta' East Riding of Yorkshire, Lancashire, Lincolnshire, u Norfolk, fl-Ingilterra, u fiż-żona amministrattiva ta' Orkney, fl-Iskozja, li ġew ikkonfermati bejn l-4 ta' Novembru 2026 u t-12 ta' Novembru 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni b'seba' tifqigħat ġodda tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California, Idaho, Kansas, Oregon, South Dakota, Utah u Washington, li ġew konfermati bejn l-4 ta' Novembru 2026 u t-12 ta' Novembru 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti nnotifikaw l-istabbiliment ta' żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u l-implimentazzjoni ta' politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit, u l-Istati Uniti ssottomettew iktar informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom u l-miżuri li ttieħdu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(10) L-informazzjoni pprovduta mill-Kanada, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, jixraq li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat il-ġodda f'dawk il-pajjiżi terzi, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-dati meta ġew ikkonfermati t-tifqigħat. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fit-tabelli stabbiliti fit-Taqsima B tal-Parti 1 u fil-Parti 2 tal-Anness V, u fit-tabella stabbilita fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(11) Barra minn hekk, il-Kanada pprovdiet informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħha fir-rigward ta' tliet tifqigħat preċedenti tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u ta' prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fit-tabella tal-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u fit-tabella tal-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) Il-Kanada infurmat lill-Kummissjoni li, wara dawk it-tifqigħat preċedenti tal-HPAI, implimentat politika tal-qerda biex tikkontrolla u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda, u lestiet ukoll it-tindif u d-diżinfettar meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika tal-qerda fl-istabbiliment tal-pollam infettat.

(13) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada f'dak ir-rigward u jidhrilha li tat garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li kienet wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa fl-Unjoni miż-żoni affettwati, kif stabbilit fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness V, u fit-tabella tat-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, m'għadhiex qed toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni affettwati tal-Kanada li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada f'dawk it-tabelli ta' dawk l-Annessi jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(14) Filwaqt li jitqiesu t-tifqigħat tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, u biex jiġi evitat it-tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.280, CA-2.281 u CA-2.282 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.280	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		11.11.2026	
	CA-2.281		N, P1		11.11.2026	
	CA-2.282		N, P1		11.11.2026"	

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.292 u CA-2.293 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.292	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		6.11.2026	
	CA-2.293		N, P1		6.11.2026"	

(iii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.295 u CA-2.296 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.295	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.11.2026	
	CA-2.296		N, P1		12.11.2026"	

(iv) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.342 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.342	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.9.2026	13.11.2026"

(v) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.345 u CA-2.346 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.345	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		25.9.2026	13.11.2026
	CA-2.346		N, P1		1.10.2026	14.11.2026"

(vi) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.356 sa CA-2.366 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.355:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.356	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		30.10.2026	
	CA-2.357		N, P1		1.11.2026	
	CA-2.358		N, P1		5.11.2026	
	CA-2.359		N, P1		4.11.2026	
	CA-2.360		N, P1		5.11.2026	
	CA-2.361		N, P1		9.11.2026	
	CA-2.362		N, P1		10.11.2026	
	CA-2.363		N, P1		12.11.2026	
	CA-2.364		N, P1		16.11.2026	
	CA-2.365		N, P1		16.11.2026	
	CA-2.366		N, P1		14.11.2026"	

(vii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.474 sa GB-2.480 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.473:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.474	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		4.11.2026	
	GB-2.475		N, P1		7.11.2026	
	GB-2.476		N, P1		7.11.2026	
	GB-2.477		N, P1		9.11.2026	
	GB-2.478		N, P1		11.11.2026	
	GB-2.479		N, P1		12.11.2026	
	GB-2.480		N, P1		12.11.2026"	

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1437 sa US-2.1443 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1436:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1437	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		4.11.2026	
	US-2.1438		N, P1		4.11.2026	
	US-2.1439		N, P1		4.11.2026	
	US-2.1440		N, P1		5.11.2026	
	US-2.1441		N, P1		6.11.2026	
	US-2.1442		N, P1		6.11.2026	
	US-2.1443		N, P1		12.11.2026"	

(b) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni CA-2.356 sa CA-2.366 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.355:

"Il-Kanada	CA-2.356	Alberta – Latitude 52.76, Longitude -113.08 The municipalities involved are: 3km PZ: Wetaskiwin 10km SZ: Camrose, Ferintosh, Maskwacis, Ponoka, Samson, and Wetaskiwin
	CA-2.357	Manitoba – Latitude 50.27, Longitude -98.061 The municipalities involved are: 3km PZ: Portage la Praire 10km SZ: Delta Beach, High Bluffs, Oakland, Portage la Praire, and Saint Marks
	CA-2.358	Quebec – Latitude 47.02, Longitude -70.8 The municipalities involved are: 3km PZ: L'Île-d'Orléans, Sainte-Famille-de-Îled'Orléans and Saint-Jean-de-l'Île-d'Orléans 10km SZ: L'Île-d'Orléans, Saint-François-del'Île-d'Orléans, Sainte-Famille-de-l'Îled'Orléans, Saint-Jean-de-l'Île-d'Orléans, Saint-Laurent-de-l'Île-d'Orléans, and Saint-Pierre-del'Île-d'Orléans
	CA-2.359	Alberta – Latitude 53.91, Longitude -113.71 The municipalities involved are: 3km PZ: Sturgeon, Vimy and Westlock 10km SZ: Alcomdale, Busby, Legal, Pickardville, Sturgeon, Vimy and Westlock
	CA-2.360	Alberta – Latitude 52.76, Longitude -114.55 The municipalities involved are: 3km PZ: Bluffton and Ponoka 10km SZ: Bluffton, Clearwater, Hoadley, Ponoka, Wetaskiwin
	CA-2.361	Alberta – Latitude 54.49, Longitude -113.86 The municipalities involved are: 3km PZ: Westlock County 10km SZ: Westlock County, Lesser Slave River
	CA-2.362	Saskatchewan – Latitude 52.28, Longitude -105.76 The municipalities involved are: 3km PZ: Bayne 10km SZ: Bayne, Grant, Prud'homme
	CA-2.363	Saskatchewan – Latitude 52.15, Longitude -102.66 The municipalities involved are: 3km PZ: Endeavor and Preeceville 10km SZ: Endeavor, Hinchliffe, Preeceville, Usherville
	CA-2.364	Manitoba – Latitude 49.89, Longitude -97.52 The municipalities involved are: 3km PZ: Cartier and St. François Xavier 10km SZ: Cartier, Dacotah, Headingley, Macdonald, Rosser, Springstein, St. François Xavier
	CA-2.365	Alberta – Latitude 50.71, Longitude -113.36 The municipalities involved are: 3km PZ: Mossleigh and Vulvan 10km SZ:Blackie, Foothills, Mossleigh and Vulvan
	CA-2.366	Saskatchewan – Latitude 54, Longitude -108.91 The municipalities involved are: 3km PZ: Loon Lake 10km SZ: Loon Lake, Makwa, Meadow Lake"

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.474 sa GB-2.480 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.473:

"Ir-Renju Unit	GB-2.474	near Brigg, North Lincolnshire, Lincolnshire, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.50 and Long: W0.53
	GB-2.475	near Garstang, Wyre, Lancashire, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.90 and Long: W2.88
	GB-2.476	near Pocklington, East Riding of Yorkshire, East Riding of Yorkshire, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.88 and Long: W0.90
	GB-2.477	near Dersingham, King's Lynn and West Norfolk, Norfolk, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N52.82 and Long: E0.56
	GB-2.478	near Market Rasen, West Lyndsey, Lincolnshire, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.38 and Long: W0.49
	GB-2.479	near Dereham, Breckland, Norfolk, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N52.76 and Long: E0.87
	GB-2.480	near Stromness, Orkney, Scotland, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N58.98 and Long: W3.30"

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.1437 sa US-2.1443 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.1436:

"L-Istati Uniti	US-2.1437	State of Oregon Clackamas 04 Clackamas County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 122.8271753°W 45.3596792°N)
	US-2.1438	State of Washington Pierce 09 Pierce County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 122.5189246°W 46.9790624°N)
	US-2.1439	State of South Dakota Beadle 23 Beadle County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 97.9602797°W 44.7087578°N)

	US-2.1440	State of Idaho Gooding 04 Gooding County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 114.7966023°W 42.8142361°N)
	US-2.1441	State of California Placer 04 Placer County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 121.1442019°W 38.9218822°N)
	US-2.1442	State of Kansas Greeley 02 Greeley County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 101.8033364°W 38.5675828°N)
	US-2.1443	State of Utah Cache 07 Cache County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 111.8641641°W 41.6574400°N)”

(2) fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.280, CA-2.281 u CA-2.282 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.280	POU, RAT	N, P1		11.11.2026	
		GBM	P1		11.11.2026	
	CA-2.281	POU, RAT	N, P1		11.11.2026	
		GBM	P1		11.11.2026	
	CA-2.282	POU, RAT	N, P1		11.11.2026	
		GBM	P1		11.11.2026”	

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.292 u CA-2.293 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.292	POU, RAT	N, P1		6.11.2026	
		GBM	P1		6.11.2026	
	CA-2.293	POU, RAT	N, P1		6.11.2026	
		GBM	P1		6.11.2026”	

(c) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.295 u CA-2.296 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.295	POU, RAT	N, P1		12.11.2026	
		GBM	P1		12.11.2026	
	CA-2.296	POU, RAT	N, P1		12.11.2026	
		GBM	P1		12.11.2026”	

(d) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.342 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.342	POU, RAT	N, P1		21.9.2026	13.11.2026
		GBM	P1		21.9.2026	13.11.2026”

(e) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.345 u CA-2.346 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.245	POU, RAT	N, P1		25.9.2026	13.11.2026
		GBM	P1		25.9.2026	13.11.2026
	CA-2.246	POU, RAT	N, P1		1.10.2026	14.11.2026
		GBM	P1		1.10.2026	14.11.2026"

(f) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.356 sa CA-2.366 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.355:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.356	POU, RAT	N, P1		30.10.2026	
		GBM	P1		30.10.2026	
	CA-2.357	POU, RAT	N, P1		1.11.2026	
		GBM	P1		1.11.2026	
	CA-2.358	POU, RAT	N, P1		5.11.2026	
		GBM	P1		5.11.2026	
	CA-2.359	POU, RAT	N, P1		4.11.2026	
		GBM	P1		4.11.2026	
	CA-2.360	POU, RAT	N, P1		5.11.2026	
		GBM	P1		5.11.2026	
	CA-2.361	POU, RAT	N, P1		9.11.2026	
		GBM	P1		9.11.2026	
	CA-2.362	POU, RAT	N, P1		10.11.2026	
		GBM	P1		10.11.2026	
	CA-2.363	POU, RAT	N, P1		12.11.2026	
		GBM	P1		12.11.2026	
	CA-2.364	POU, RAT	N, P1		16.11.2026	
		GBM	P1		16.11.2026	
	CA-2.365	POU, RAT	N, P1		16.11.2026	
		GBM	P1		16.11.2026	
	CA-2.366	POU, RAT	N, P1		14.11.2026	
		GBM	P1		14.11.2026"	

(g) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.474 sa GB-2.480 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.473:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.474	POU, RAT	N, P1		4.11.2026	
		GBM	P1		4.11.2026	
	GB-2.475	POU, RAT	N, P1		7.11.2026	
		GBM	P1		7.11.2026	
	GB-2.476	POU, RAT	N, P1		7.11.2026	
		GBM	P1		7.11.2026	

	GB-2.477	POU, RAT	N, P1		9.11.2026	
		GBM	P1		9.11.2026	
	GB-2.478	POU, RAT	N, P1		11.11.2026	
		GBM	P1		11.11.2026	
	GB-2.479	POU, RAT	N, P1		12.11.2026	
		GBM	P1		12.11.2026	
	GB-2.480	POU, RAT	N, P1		12.11.2026	
		GBM	P1		12.11.2026”	

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1437 sa US-2.1443 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1436:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1437	POU, RAT	N, P1		4.11.2026	
		GBM	P1		4.11.2026	
	US-2.1438	POU, RAT	N, P1		4.11.2026	
		GBM	P1		4.11.2026	
	US-2.1439	POU, RAT	N, P1		4.11.2026	
		GBM	P1		4.11.2026	
	US-2.1440	POU, RAT	N, P1		5.11.2026	
		GBM	P1		5.11.2026	
	US-2.1441	POU, RAT	N, P1		6.11.2026	
		GBM	P1		6.11.2026	
	US-2.1442	POU, RAT	N, P1		6.11.2026	
		GBM	P1		6.11.2026	
	US-2.1443	POU, RAT	N, P1		12.11.2026	
		GBM	P1		12.11.2026”	